# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2016**

**Kawża Nru 44**

**Rik. Nru. 1263/10JRM**

Michael **BUTTIĠIEĠ**

vs

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA,** Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim'Ministru u l-Prim'Ministru

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Diċembru, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li d-deċiżjonijiet tal-imħarrkin li jkeċċuh jew iġiegħluh jirtira mill-kariga ta' surġent fil-Korp tal-Pulizija jew li jerġgħu jibdew proċeduri dixxiplinari kontrih ma jiswewx, ma jgħoddux u m'għandhom l-ebda effett billi jmorru kontra l-liġi u l-Kostituzzjoni u jikkostitwixxu abbuż tas-setgħat eżerċitati minnhom billi ttieħdu għal għanijiet mhux xierqa jew billi ssejsu fuq

konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew billi ttieħdu b'nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali kemm fid-deliberazzjonijiet u kif ukoll fit-teħid tad-deċiżjonijiet infushom; (ii) issib li, f'kull każ, id-deċiżjonijiet tal-imħarrkin li jerġgħu jibdew il-proċeduri dixxiplinari biex hu jitkeċċa jew jiġi mġiegħel jirriżenja mill-kariga ta' surġent fil-Korp tal-Pulizija ma jiswewx, ma jgħoddux u m'għandhom l-ebda effett billi sejrin jissoġġettawh għal proċeduri dixxiplinari bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali; (iii) tordna lill-imħarrkin jirreintegrawh fil-qadi sħiħ tas-servizz tiegħu bħala surġent; (iv) issibhom ħatja għad-danni kollha li ġarrab minħabba l-għemil tagħhom; (v) tillikwida d-danni mġarrbin minnu minħabba f'dak l-għemil bi ħtija tagħhom; u (vi) tikkundannahom iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha tas-28 ta' Diċembru, 2010, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-21 ta' Jannar, 2011, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali biex twaqqaf minn qabel it-teħid ta' proċeduri kontra uffiċjal pubbliku skond ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Avviż Legali 186 tal-1999) (aktar 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti")[1], u dan għaliex l-imsemmija proċeduri jittieħdu bis-saħħa tal-funzjonijiet kostituzzjonali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (aktar 'il quddiem imsejħa "KSP") li toħroġ l-imsemmija Regolamenti. Qal li għalih huwa ċar li jkun kontra l-Kostituzzjoni li l-funzjonijiet tal-imsemmija Kummissjoni jinġabu fix-xejn billi każ jinżamm milli jitressaq quddiemha b'mod li, kontra dak li tgħid il-Kostituzzjoni, titneħħielha s-setgħa milli qatt tkun tista' tisma' u tqis każ li jirrigwarda l-impieg ta' persuna fis-servizz pubbliku. Fil-mertu, laqa' wkoll billi qal li bil-ħruġ minnu tal-ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010, hu ma kiser l-ebda dritt kostituzzjonali tar-rikorrent jew tal-prinċipji tad-dritt naturali fid-deċiżjonijiet li ttieħdu fir-rigward fil-proċeduri għall-irtirar tar-rikorrent mill-Korp tal-Pulizija. Laqa' wkoll billi qal li t-tieni talba attriċi mhijiex tajba u ma jmisshiex tintlaqa' billi (i) id-dritt tiegħu li jirrapporta lill-Kap tas-Servizz Pubbliku lil xi uffiċjal tal-korp biex jittieħdu proċeduri għat-tneħħija tiegħu mis-servizz fl-interess pubbliku joħroġ mill-artikoli 110 u 121 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll mir-Regolamenti msemmija, partikolarment mir-regolament 35, li jiggarantixxi lill-uffiċjal pubbliku jedd ta' smigħ xieraq, magħdud dak li jressaq l-argumenti tiegħu fis-sede xierqa biex jgħid għaliex dak il-proċediment m'għandux

[1] L.S. Kost. 03

jisskota; (ii) s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru, 2010, ma daħlet bl-ebda mod fil-mertu tar-raġunijiet li għalihom l-attur kien imġiegħel jirriżenja mis-servizz, iżda biss dwar jekk tul il-proċedura meħuda kontrih quddiem il-KSP, kienx hemm ħarsien jew le tal-proċedura stabilita fir-regolament 35 imsemmi; u (iii) ir-regolament 35 jiggarantixxi l-ħarsien lil kull uffiċjal pubbliku involut tal-prinċipji ta' ħaqq naturali. Laqa' wkoll għat-tielet talba attriċi billi qal li dik it-talba mhijiex tajba u ma għandhiex tintlaqa' għaliex (a) is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru, 2010, reġġħet qiegħdet lill-attur fl-istess posizzjoni li kien, jiġifieri bħala membru fil-Korp li l-Kap tad-Dipartiment tiegħu għadu tal-fehma li l-interess pubbliku jiddetta li l-attur ikun irtirat mis-servizz, u għalhekk sa ma tinqata' l-vertenza maħluqa bl-ittra ta' Mejju 2001, ma jistax jistenna li jiddaħħal lura fis-servizz bħallikieku ma ġara xejn, (b) billi l-ebda liġi ma tħalli li persuna tinżamm fis-servizz fil-Korp meta ma tkunx tajba biex tkun fdata li titħalla tibqa' f'dak is-servizz, u (ċ) ladarba jrid ikun reintegrat fis-sħiħ fil-Korp, ma jistax iservi fih bla ma joqgħod għar-regoli tad-dixxiplina tal-istess Korp. Fl-aħħarnett laqa' billi qal li t-talbiet l-oħrajn dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mhumiex mistħoqqa billi l-attur ma ġarrab l-ebda dannu minħabba l-għemil tal-eċċipjenti u hu lanqas qatt għamel xi ħaġa li tnissel jedd għad-danni favur l-attur;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-21 ta' Jannar, 2011, mill-imħarrkin Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li biha, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali biex twaqqaf minn qabel it-teħid ta' proċeduri kontra uffiċjal pubbliku skond ir-Regolamenti, u dan għaliex l-imsemmija proċeduri jittieħdu bis-saħħa tal-funzjonijiet kostituzzjonali tal-KSP li toħroġ l-imsemmija Regolamenti. Huwa ċar li jkun kontra l-Kostituzzjoni li l-funzjonijiet tal-imsemmija KSP jinġabu fix-xejn billi każ jinżamm milli jitressaq quddiemha b'mod li, kontra dak li tgħid il-Kostituzzjoni, titneħħielha s-setgħa milli qatt tkun tista' tisma' u tqis każ li jirrigwarda l-impieg ta' persuna fis-servizz pubbliku. Minbarra f'hekk, imkien ma nstema' li persuna tista' tieħu azzjoni kontra min huwa marbut u jrid bil-liġi jieħu deċiżjoni dwar il-każ ta'dik il-persuna, bil-għan li dik l-azzjoni tikkomprometti s-setgħat ta' min huwa marbut biex jieħu tali deċiżjoni. Preliminarjament, l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru qal li hu mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjoni attriċi u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża, billi l-azzjoni tal-attur ma hija qiegħda timpunja l-ebda għemil tiegħu. Fil-mertu, laqgħu wkoll billi qalu li bil-ħruġ tal-ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010, ma nkiser l-ebda dritt kostituzzjonali tar-rikorrent jew tal-prinċipji tad-dritt naturali fid-deċiżjonijiet li ttieħdu fir-rigward fil-proċeduri għall-irtirar tar-rikorrent mill-Korp tal-Pulizija u ċaħdu li huma ħadu xi deċiżjoni fil-konfront tal-attur li kienet imsejsa fuq għanijiet mhux xierqa

jew fuq konsiderazzjonjiet mhux rilevanti. Laqgħu dwar it-tieni talba attriċi billi qalu li mhijiex tajba u ma jmisshiex tintlaqa'. Dwar it-tielet talba attriċi laqgħu billi qalu li dik it-talba mhijiex tajba għaliex (a) is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru, 2010, reġgħet qiegħdet lill-attur fl-istess posizzjoni li kien, jiġifieri bħala membru fil-korp li l-Kap tad-Dipartiment tiegħu għadu tal-fehma li l-interess pubbliku jiddetta li l-attur ikun irtirat mis-servizz, u għalhekk sa ma tinqata' l-vertenza maħluqa bl-ittra ta' Mejju 2001, ma jistax jistenna li jiddaħħal lura fis-servizz bħallikieku ma ġara xejn, (b) billi l-ebda liġi ma tħalli li persuna tinżamm fis-servizz fil-Korp meta ma tkunx tajba biex tkun fdata li titħalla tibqa' f'dak is-servizz, u (ċ) ladarba jrid ikun reintegrat fis-sħiħ fil-Korp, ma jistax iservi fih bla ma joqgħod għar-regoli tad-dixxiplina tal-istess Korp. Fl-aħħarnett laqgħu billi qalu li t-talbiet dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mhumiex mistħoqqa billi l-attur ma ġarrab l-ebda dannu minħabba l-għemil tagħhom jew ta' xi ħadd minnhom u huma lanqas qatt għamlu xi ħaġa li tnissel jedd għad-danni favur l-attur;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tad-29 ta' Settembru, 2011[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-imħarrkin, u ħalliet impreġudikata l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru dwar jekk huwiex jew le kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-attur waqt is-smigħ tad-29 ta' Marzu, 2012[3], bix-xhieda tiegħu f'affidavit u b'dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, u rat il-provi dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2013[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fid-9 ta' Mejju, 2013[5];

Rat in-Nota mressqa mill-attur waqt is-smigħ tad-9 ta' Mejju, 2013, b'dokument mehmuż magħha (kopja sħiħa tas-Sentenza mogħtija fil-każ tiegħu mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru, 2010)[6];

[2] Paġġ. 27 sa 36 tal-proċess
[3] Paġġ. 38 sa 61 tal-proċess
[4] Paġ. 100 tal-proċess
[5] Paġġ. 101 – 9 tal-proċess
[6] Paġġ. 110 sa 126 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin ilkoll flimkien fl-1 ta' Lulju, 2013[7], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża kif ukoll dawk tal-kawża numru 1262/10JRM fl-ismijiet "*David Gatt vs Kummissarju tal-Pulizija et*" li kienet qiegħda tinstema' magħha[8];

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur qed jitlob li din il-Qorti ssib li l-ħruġ ta' ittra mibgħuta lilu mill-imħarrek Segretarju Permanenti li biha avżah li kellu jidher għal proċeduri dixxiplinari quddiem il-KSP hija għemil amministrattiv li jikser il-jeddijiet kostituzzjonali tiegħu minbarra li huwa *ultra vires*. Irid li l-Qorti ssib li l-imsemmija ittra ma tiswiex u li l-proċeduri li kienu maħsuba li jittieħdu kontrih jinżammu milli jitkomplew għaliex hu kien diġa' għadda minn tali proċeduri fuq l-istess xiljiet. Billi jgħid li ġarrab danni minħabba l-għemil tal-imħarrkin, irid li l-Qorti tillikwida d-danni li l-imħarrkin jaħtu għalihom minħabba għemilhom;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija laqa' billi, b'mod preliminari, qal li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali biex twaqqaf minn qabel it-teħid ta' proċeduri kontra uffiċjal pubbliku skond ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Avviż Legali 186 tal-1999) (aktar 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti")[9], u dan għaliex l-imsemmija proċeduri jittieħdu bis-saħħa tal-funzjonijiet kostituzzjonali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (aktar 'il quddiem imsejħa "KSP") li toħroġ l-imsemmija Regolamenti. Qal li għalih huwa ċar li jkun kontra l-Kostituzzjoni li l-funzjonijiet tal-imsemmija Kummissjoni jinġabu fix-xejn billi każ jinżamm milli jitressaq quddiemha b'mod li, kontra dak li tgħid il-Kostituzzjoni, titneħħielha s-setgħa milli qatt tkun tista' tisma' u tqis każ li jirrigwarda l-impieg ta' persuna fis-servizz pubbliku. Fil-mertu, laqa' wkoll billi qal li bil-ħruġ minnu tal-ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010, hu ma kiser l-ebda dritt kostituzzjonali tar-rikorrent jew tal-prinċipji tad-dritt naturali fid-

[7] Paġġ. 128 sa 139 tal-proċess
[8] U li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll
[9] L.S. Kost. 03

deċiżjonijiet li ttieħdu fir-rigward fil-proċeduri għall-irtirar tar-rikorrent mill-Korp tal-Pulizija. Laqa' wkoll billi qal li t-tieni talba attriċi mhijiex tajba u ma jmisshiex tintlaqa' billi (i) id-dritt tiegħu li jirrapporta lill-Kap tas-Servizz Pubbliku lil xi uffiċjal tal-korp biex jittieħdu proċeduri għat-tneħħija tiegħu mis-servizz fl-interess pubbliku joħroġ mill-artikoli 110 u 121 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll mir-Regolamenti msemmija, partikolarment mir-regolament 35, li jiggarantixxi lill-uffiċjal pubbliku jedd ta' smigħ xieraq, magħdud dak li jressaq l-argumenti tiegħu fis-sede xierqa biex jgħid għaliex dak il-proċediment m'għandux jisskota; (ii) s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru, 2010, ma daħlet bl-ebda mod fil-mertu tar-raġunijiet li għalihom l-attur kien imġiegħel jirriżenja mis-servizz, iżda biss dwar jekk tul il-proċedura meħuda kontrih quddiem il-KSP, kienx hemm ħarsien jew le tal-proċedura stabilita fir-regolament 35 imsemmi; u (iii) ir-regolament 35 jiggarantixxi l-ħarsien lil kull uffiċjal pubbliku involut tal-prinċipji ta' ħaqq naturali. Laqa' wkoll għat-tielet talba attriċi billi qal li dik it-talba m'hijiex tajba u ma għandhiex tintlaqa' għaliex (a) is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru, 2010, reġgħet qiegħdet lill-attur fl-istess posizzjoni li kien, jiġifieri bħala membru fil-Korp li l-Kap tad-Dipartiment tiegħu għadu tal-fehma li l-interess pubbliku jiddetta li l-attur ikun irtirat mis-servizz, u għalhekk sa ma tinqata' l-vertenza maħluqa bl-ittra ta' Mejju 2001, ma jistax jistenna li jiddaħħal lura fis-servizz bħallikieku ma ġara xejn, (b) billi l-ebda liġi ma tħalli li persuna tinżamm fis-servizz fil-Korp meta ma tkunx tajba biex tkun fdata li titħalla tibqa' f'dak is-servizz, u (ċ) ladarba jrid ikun reintegrat fis-sħiħ fil-Korp, ma jistax iservi fih bla ma joqgħod għar-regoli tad-dixxiplina tal-istess Korp. Fl-aħħarnett laqa' billi qal li t-talbiet l-oħrajn dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mhumiex mistħoqqa billi l-attur ma ġarrab l-ebda dannu minħabba l-għemil tal-eċċipjenti u hu lanqas qatt għamel xi ħaġa li tnissel jedd għad-danni favur l-attur;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrkin l-oħrajn laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali biex twaqqaf minn qabel it-teħid ta' proċeduri kontra uffiċjal pubbliku skond ir-Regolamenti, u dan għaliex l-imsemmija proċeduri jittieħdu bis-saħħa tal-funzjonijiet kostituzzjonali tal-KSP li toħroġ l-imsemmija Regolamenti. Huwa ċar li jkun kontra l-Kostituzzjoni li l-funzjonijiet tal-imsemmija KSP jinġabu fix-xejn billi każ jinżamm milli jitressaq quddiemha b'mod li, kontra dak li tgħid il-Kostituzzjoni, titneħħielha s-setgħa milli qatt tkun tista' tisma' u tqis każ li jirrigwarda l-impieg ta' persuna fis-servizz pubbliku. Minbarra f'hekk, imkien ma nstema' li persuna tista' tieħu azzjoni kontra min huwa marbut u jrid bil-liġi jieħu deċiżjoni dwar il-każ ta'dik il-persuna, bil-għan li dik l-azzjoni tikkomprometti s-setgħat ta' min huwa marbut biex jieħu tali deċiżjoni. Preliminarjament, l-imħarrek

Onorevoli Prim Ministru qal li hu mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjoni attriċi u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża, billi l-azzjoni tal-attur ma hija qiegħda timpunja l-ebda għemil tiegħu. Fil-mertu, laqgħu wkoll billi qalu li bil-ħruġ tal-ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010, ma nkiser l-ebda dritt kostituzzjonali tar-rikorrent jew tal-prinċipji tad-dritt naturali fid-deċiżjonijiet li ttieħdu fir-rigward fil-proċeduri għall-irtirar tar-rikorrent mill-Korp tal-Pulizija u ċaħdu li huma ħadu xi deċiżjoni fil-konfront tal-attur li kienet imsejsa fuq għanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Laqgħu dwar it-tieni talba attriċi billi qalu li mhijiex tajba u ma jmisshiex tintlaqa'. Dwar it-tielet talba attriċi laqgħu billi qalu li dik it-talba mhijiex tajba għaliex (a) is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru, 2010, reġgħet qiegħdet lill-attur fl-istess posizzjoni li kien, jiġifieri bħala membru fil-korp li l-Kap tad-Dipartiment tiegħu għadu tal-fehma li l-interess pubbliku jiddetta li l-attur ikun irtirat mis-servizz, u għalhekk sa ma tinqata' l-vertenza maħluqa bl-ittra ta' Mejju 2001, ma jistax jistenna li jiddaħħal lura fis-servizz bħallikieku ma ġara xejn, (b) billi l-ebda liġi ma tħalli li persuna tinżamm fis-servizz fil-Korp meta ma tkunx tajba biex tkun fdata li titħalla tibqa' f'dak is-servizz, u (ċ) ladarba jrid ikun reintegrat fis-sħiħ fil-Korp, ma jistax iservi fih bla ma joqgħod għar-regoli tad-dixxiplina tal-istess Korp. Fl-aħħarnett laqgħu billi qalu li t-talbiet dwar il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mhumiex mistħoqqa billi l-attur ma ġarrab l-ebda dannu minħabba l-għemil tagħhom jew ta' xiħadd minnhom u huma lanqas qatt għamlu xi ħaġa li tnissel jedd għad-danni favur l-attur;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin, din il-Qorti tat il-fehma tagħha fis-sentenza preliminari tagħha tad-29 ta' Settembru, 2011, u ċaħditha;

Illi l-Qorti issa trid tqis it-talbiet tal-attur fil-mertu u l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin għalihom, u wkoll l-eċċezzjoni preliminari mqanqla mill-imħarrek Onorevoli Prim Ministru;

Illi qabel tagħmel dan, xieraq li jissemmew il-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u>. L-attur daħal fil-Korp tal-Pulizija bħala kuntistabbli fil-bidu ta' Awwissu tal-1993[10], wara li kien għamel b'suċċess il-kors fl-Akkademja tal-Pulizija lejn l-aħħar tal-1992 u ġie minn ta' quddiem nett[11]. Fl-1999 inħatar surġent wara eżami intern u f'Settembru tas-sena ta' wara intgħażel u beda kors ta' kadett uffiċjal fl-Akkademja biex jilħaq spettur;

[10] Xhieda ta' Suprintendent Mario Spiteri f'paġġ. 68 – 9 tal-proċess
[11] Affidavit tal-attur f'paġ. 39 tal-proċess

Illi fit-18 ta'Jannar tal-2001, meta kien għadu jokkupa r-*rank* ta' surġent u miexi bil-kors għal spettur, kien bagħat għalih l-Assistent Kummissarju John Rizzo biex imur ikellmu d-Depot. Rizzo kien xlieh li kellu tagħrif li jorbtu ma' kompliċita' f'każ kriminali ta' serqa li kienet saret minn skorta tas-sigurta' ma' flus minn bank. L-attur ċaħad kull xilja u kien arrestat għal xi ħin;

Illi dakinhar intalab iħalli stqarrija, iżda hu għażel li ma jwiġibx. Xi ġimgħa wara, l-attur intalab minn uffiċjal għoli fil-Korp biex jitfa' r-riżenja tiegħu, u l-attur seħaq li t-talba kellha ssirlu bil-miktub ħalli jkun jista' jweġibha uffiċjalment. Minflok, fl-10 ta' Marzu, 2001, il-Kummissarju bagħat għall-kadetti kollha (li magħhom kien hemm l-attur) u quddiem kulħadd qal li l-attur kien intalab li jitkeċċa mill-Korp;

Illi f'Marzu tal-2001[12] mart l-attur kitbet ittra lill-Prim Ministru biex titlob laqgħa miegħu ħalli żewġha jkellmu dwar dak li kien għaddej minnu, iżda hu weġibha xi ġimgħat wara biex jgħidilha li laqgħa bħal dik ma kenitx xierqa ladarba l-każ ta' żewġha kien qiegħed quddiem il-KSP[13]. Mart l-attriċi reġgħet kitbet lill-Prim Ministru ftit jiem wara li rċeviet l-ittra msemmija[14];

Illi l-imħarrek Segratarju Permanenti Ewlieni bagħat l-inkartament lill-KSP fit-13 ta' Marzu. Fis-27 ta' April, 2001, il-KSP bagħtet ir-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-każ tal-attur lill-imħarrek Prim Ministru[15]. L-attur fl-ebda waqt ma kien issejjaħ biex jixhed jew biex jidher quddiem il-KSP. Għall-kuntrarju, hemm xhieda li turi li l-KSP sejħet ix-xhieda tal-Kummissarju ta' dak iż-żmien[16];

Illi fit-3 ta' Mejju, 2001, meta l-attur kien issejjaħ imur id-Depot biex jiffirma l-kuntratt nutarili biex jintrabat dwar il-kors ta' spettur[17], twaqqaf milli jitħalla jiffirma l-kuntratt wara li l-Kummissarju qal lin-nutar (quddiem kull min kien hemm) li ried li l-kuntratt tal-attur jipposponih. Aktar tard dakinhar wara li kien mar lura d-dar, l-attur ingħata avviż li s-servizz tiegħu minn mal-Korp kien imwaqqaf[18] . Dan sar wara li l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija (ta' dak iż-żmien), għall-finijiet tal-artikolu 11 tal-Ordinanza tal-Pulizija[19], kien talab lill-imħarrek Onorevoli Prim Ministru

[12] Dok "3", f'paġ. 46 tal-proċess
[13] Dok "4", f'paġ. 47 tal-proċess
[14] Dok "5", f'paġ. 48 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Eric Serraċino f'paġ. 93 tal-proċess
[16] Xhieda tal-Kummissarju John Rizzo, f'paġ. 82 tal-proċess
[17] Ara Dok "7", f'paġ. 50 tal-proċess
[18] Dok "8", f'paġ. 51 tal-proċess
[19] Kap 164

(ta' dak iż-żmien) biex fl-interess pubbliku jtemm is-servizz tal-attur mill-Korp;

Illi l-attur fetaħ kawża kontra l-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija f'Ottubru tal-2001[20], li nqatgħet mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tas-6 ta' Settembru, 2010, (minn issa 'l hemm imsejħa "is-Sentenza") illi ċaħdet l-appell tal-imsemmija imħarrkin u ikkonfermat is-sentenzi (waħda preliminari u l-oħra fil-mertu) mogħtija mill-ewwel qorti u li kienu sabu li l-proċeduri meħudin kontra l-attur ma kinux jiswew għaliex saru bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u ordnat li l-attur jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien qabel ma kien irċieva l-ittra tat-3 ta' Mejju, 2001;

Illi fil-5 ta' Ottubru, 2010[21], l-Assistent Kummissarju bagħat ittra lill-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni biex jitolbu jirtira lill-attur mis-servizz mal-Korp u jniedi l-proċess quddiem il-KSP għal dan il-għan u skond ma qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha;

Illi fil-15 ta' Ottubru, 2010[22], l-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni bagħat avviż lill-attur għall-finijiet tar-regolament 35(1)(b) tar-Regolamenti u tah żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet miktuba li jidhirlu xierqa fi żmien ħmistax-il jum;

Illi fl-1 ta' Novembru, 2010, l-attur ressaq rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrkin, liema talba ntlaqgħet b'degriet tas-17 ta' Novembru, 2010[23];

Illi nhar it-3 ta' Diċembru, 2010[24], l-attur bagħat ittra bl-avukat lill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija biex jitolbu jdaħħlu lura fil-Korp fil-grad u bil-ħlas sħiħ tiegħu, u biex iħallsu s-salarju, *bonus* u benefiċċji kollha li kien tilef minn Mejju 2001 'il quddiem sa dakinhar;

Illi l-attur fetaħ din il-kawża fis-6 ta' Diċembru, 2010;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> marbutin mal-każ, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li ttenni li, minkejja dak li jissemma fl-ewwel talba tal-attur, l-azzjoni attriċi mhijiex proċedura dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali mibdija taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma qiegħda tara li l-istess kawża tqanqal il-kwestjoni kostituzzjonali fid-dawl tal-imsemmija

[20] Ċitazz. 1713/01JA
[21] Dok "3" f'paġġ. 43 – 5 tal-proċess
[22] Dok "2", f'paġ. 42 tal-proċess
[23] Deg. Nru. 1703/10JRM
[24] Dok "10", f'paġ. 61 tal-proċess

dispożizzjonijiet. L-azzjoni tal-attur hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u f'dan ir-rigward din il-Qorti sejra timxi ma' dak stabbilit mill-Qorti tal-Appell meta tgħid li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ma ssarrafx f'azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali[25]. Tqis ukoll li l-KSP mhijiex parti f'din il-kawża. Fl-aħħarnett, tqis li dak li ntalbet tistħarreġ f'din il-kawża huwa d-deċiżjoni – meħuda minn min setgħet kienet meħuda – murija fl-ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010, li biha l-attur kien mgħarraf li kienu qegħdin jinbdew proċeduri kontrih quddiem il-KSP għat-tneħħija tiegħu permezz ta' irtirar imġiegħel mis-servizz pubbliku;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tibda billi tqis **it-tieni eċċezzjoni preliminari** li biha l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru jgħid li ma messux tħarrek f'din il-kawża għaliex mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Illi l-imsemmi mħarrek jgħid li l-qagħda ta' min imissu jkun imħarrek hija regolata bl-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u, ladarba l-attur ħarrek lis-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ma kienx hemm għalfejn iħarrek lilu wkoll;

Illi l-attur ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni. Jingħad biss li, waqt li kienet qiegħda ssir it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm quddiem il-Qorti, kien l-avukat difensur tal-attur li aċċenna għal din l-eċċezzjoni. Huwa qal li l-Prim Ministru bilfors huwa mħarrek sewwa f'din il-kawża, għaliex fis-Sentenza l-għemil tal-Prim Ministru kien mistħarreġ u ċensurat;

Illi l-Qorti trid tqis x'għemil amministrattiv qiegħed jilminta minnu l-attur f'din il-kawża. Mhijiex mitluba li tistħarreġ mill-ġdid il-proċeduri li ngħalqu bis-Sentenza, għalkemm jidher li ser ikun meħtieġ li tkejjel l-argumenti tal-partijiet f'din il-kawża billi tara x'ingħad tassew f'dik is-sentenza. F'din il-kawża, l-attur jilminta li l-ittra mibgħuta lilu fil-15 ta' Ottubru, 2010, tiftaħ it-triq biex jerġa' jingħadda mill-istess proċediment li diġa' għadda minnu u dan bi ksur tar-regola li ħadd ma jmissu jgħaddi minn proċess darbtejn fuq l-istess ħaġa;

Illi l-ittra tirreferi għas-Sentenza li, wara li ħassret id-deċiżjoni tal-imħarrkin li jneħħuh mis-servizz fil-korp, ordnat li l-attur jerġa' jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju tal-2001 (meta kien imneħħi mill-kariga tiegħu). Il-Qorti tqis li l-istess ittra ssemmi espressament li kienet qiegħda tintbagħat għall-finijiet tar-regolament 35 tar-Regolamenti biex,

[25] Kost. **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali***

b'ħarsien ta' dak li tgħid l-imsemmija sentenza, jinbeda l-proċess li kien inbeda fl-2000. L-ittra ntbagħtet mill-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni;

Illi r-regolament 35 tar-Regolamenti jitkellem dwar irtir(ar) fl-interess pubbliku. Jagħmel parti mit-Taqsima VII tal-imsemmija Regolamenti li jittrattaw dwar it-tneħħija mill-kariga ta' uffiċjal pubbliku u jgħodd "minkejja dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-Regolamenti". Jidher ċar li, fl-istadju li waslu fih il-proċeduri kontra l-attur – dak li nħareġ l-avviż mibgħut lill-attur biex iressaq ir-raġunijiet tiegħu miktuba għaliex m'għandhiex tintlaqa' t-talba tal-Kap tad-Dipartiment (jiġifieri, f'dan il-każ, il-Kummissarju mħarrek) – il-proċedura tolqot biss lill-imsemmi Kummissarju u lill-imħarrek Segretarju Permanenti. Huwa biss jekk jingħeleb l-istadju msemmi fir-regolament 35(2) li l-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni (magħruf fl-imsemmija Regolamenti bħala "il-Kap tas-Servizz Pubbliku") huwa marbut biex jibgħat ir-rapport tiegħu lill-KSP u huwa f'dak il-waqt li l-KSP tidħol fix-xena u tista' tibda twettaq il-funzjonijiet tagħha. Għall-Qorti, dan ifisser li, sa ma jintlaħaq dak l-istadju, il-kwestjoni u l-proċedimenti jkunu għadhom fil-qafas tad-deċiżjonijiet u d-diskrezzjoni tal-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permananti Ewlieni. Lanqas l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru ma jkun għadu involva ruħu;

Illi ladarba dan huwa hekk, joħroġ li l-eċċezzjoni preliminari hija tajba u l-Onorevoli Prim Ministru tħarrek għalxejn. Il-fatt li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' Inibizzjoni saret (u ntlaqgħet) ukoll kontrih ma tilleġittimahx passivament fl-azzjoni li saret mill-attur, jekk ma jkunx hemm raġunijiet tajbin biex jirrenduh il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni;

Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni preliminari sejra tintlaqa' u l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru ser jinħeles milli jibqa' fil-kawża;

Illi **dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi** l-kwestjoni ewlenija bejn il-partijiet iddur fuq x'kienet il-qagħda legali li nħalqet b'effett tas-Sentenza;

Illi għall-attur, ladarba dik il-Qorti sabet li l-proċess dixxiplinari mniedi kontrih kien vizzjat u bla siwi, l-avviż tat-tnedija tal-proċess li sarlu bl-ittra tal-imħarrek Segretarju Permanenti tal-15 ta' Ottubru, 2010, kien jikkostitwixxi t-teħid mill-ġdid tal-istess proċediment, bi ħsara għall-jedd tiegħu li ma jkunx assoġġettat għall-istess proċess fuq l-istess xiljiet li kienu sarulu qabel. Għall-imħarrkin, il-qagħda mhijiex hekk: għalihom, is-Sentenza ħassret il-proċedimenti dixxiplinari kollha li kienu saru kontra

l-attur, u reġġgħet il-qagħda lura għaż-żmien qabel ma nbdew dawk il-proċedimenti;

Illi l-attur jisħaq li ladarba l-KSP ma kinitx parti fil-kawża li huwa kien fetaħ f'Ottubru tal-2001, is-Sentenza ma tista' qatt titfisser li iddeċidiet dwar dak li sar quddiem dik il-Kummissjoni. Huwa jżid jargumenta li s-Sentenza ma ħassritx il-proċedimenti li saru mill-KSP, imma biss id-deċiżjoni tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru u l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija li joqogħdu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-KSP[26]. Fi kliem ieħor, l-attur jgħid li l-proċess imniedi quddiem il-KSP dwar il-każ tiegħu baqa' bla mittiefes u li d-deċiżjoni (fil-parti dispożittiva tas-Sentenza) li huwa jerġa' jitqiegħed fil-qagħda li kien qabel it-3 ta' Mejju, 2001, kienet tfisser biss li kollox kien intemm bħallikieku l-attur ma kienx instab ħati;

Illi l-Qorti tagħraf li l-KSP ma kinitx parti fil-kawża li l-attur fetaħ f'Ottubru tal-2001 u tqis ukoll li r-regola hi li sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza[27]. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża, l-attur jorbot it-talbiet tiegħu ma' dak li tipprovdi s-Sentenza. Is-Sentenza trid titqies kollha kemm hi u mhux biss il-parti dispożittiva tagħha, u l-parti dispożittiva ta' sentenza tinftiehem mill-konsiderazzjonijiet li jsiru matulha;

Illi qari kemm tas-Sentenza u kif ukoll tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel grad juri li għalkemm il-KSP ma kinitx parti fil-kawża, kien il-proċediment li tmexxa quddiemha li sejjes il-fehma taż-żewġ gradi tal-Qorti biex waslu li jilqgħu t-talbiet tal-attur. Kien dak il-proċediment kollu li tqies li sar u tmexxa bi ksur tar-regoli u prinċipji tal-ġustizzja naturali. Kien dak in-nuqqas radikali li ġab ma tiswiex ir-rakkomandazzjoni li saret lill-imħarrek Onorevoli Prim Ministru, li mbagħad mexa fuqha u aċċettaha. Dan qalitu kemm il-Qorti tal-ewwel grad (fis-sentenza tagħha tas-27 ta' April, 2009) u kif ukoll is-Sentenza li ikkonfermatha f'dan ir-rigward (għalkemm mhux għall-istess raġunijiet). B'mod partikolari u biex ma ttawwalx bla bżonn, din il-Qorti tirreferi għal dik il-parti tas-Sentenza li tittratta t-tielet aggravju tal-appellanti (l-imħarrkin tal-lum)[28], ir-raba' aggravju tagħhom[29] u xejn anqas is-sitt aggravju[30];

Illi s-Sentenza tagħmilha ċara li r-rakkomandazzjoni tal-KSP (li l-attur jitkeċċa mis-servizz) kienet illegali u mingħajr effett u għalhekk il-Prim Ministru ma setax joqgħod fuqha u jibgħat l-ittra tat-3 ta' Mejju, 2001, lill-

[26] §§ 17 – 8 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġġ. 106 – 7 tal-proċess
[27] Art. 237 tal-Kap 12
[28] Ara §§ 32, 35, 36 sa 41 tagħha
[29] Ara §§ 45, 47 u 48 tagħha
[30] Ara § 56 tagħha

attur. Is-Sentenza tgħid ukoll li dak li huwa illegali ma jħalli l-ebda effett, u għaldaqstant kollox kellu jitqiegħed fil-qagħda li kien qabel intbagħtet dik l-ittra. Is-Sentenza ma toqgħodx biss fuq ir-rakkomandazzjoni tal-KSP, imma fuq il-proċediment kollu li sar quddiem l-istess Kummissjoni sakemm waslet biex tagħmel dik ir-rakkomandazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, kien il-proċediment kollu safejn sar bi ksur tal-liġi li s-Sentenza sabet li wassal biex ir-rakkomandazzjoni tkun mingħajr effett. Fi kliem ieħor, is-Sentenza ma ħassritx biss ir-rakkomandazzjoni tal-KSP, imma l-proċediment kollu kemm hu li nżamm minnha. U ladarba dak il-proċediment sar ħażin, ġab miegħu il-konsegwenza li kemm ir-rakkomandazzjoni tal-imħarrek Prim Ministru u kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissarju mħarrek kienu ttebbgħu bin-nuqqas ta' siwi ta' dak il-proċediment;

Illi fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv huwa mgħallem li "*by quashing the court declares that some purported decision or determination is irregular or futile and therefore of no effect in law. The result is to establish that no one need take heed of it. The question at issue has not been lawfully determined, and the responsible authority must start again and determine it properly. The difference from a declaratory judgment is that quashing positively invalidates the offending decision or act, whereas a declaration of invalidity merely leaves it exposed to other remedies if required*"[31];

Illi dan ifisser li jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, dak l-għemil jiġi daqs li kieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss. Hawnhekk, il-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin dwar kif imissha tkun mifhuma s-Sentenza u l-effetti tagħha[32];

Illi din il-Qorti tqis li s-Sentenza (kif għamlet l-ewwel qorti qabilha fis-sentenza tagħha) ħassret ('*quashed*') sewwasew kulma sar bi ksur tal-liġi mill-KSP u mhux biss l-għemil li sar wara dak il-proċediment min-naħa tal-Kummissarju u tal-Prim Ministru;

Illi l-Qorti tagħraf li l-proċedimenti li l-attur jinsab avżat li sejrin jitnedew kontrih huma ta' natura dixxiplinari u għalhekk jixbhu proċeduri penali. Fil-każ tal-attur, jidher li dan huwa aktar il-każ minħabba li mix-xhieda li ngħatat[33] in-nuqqasijiet li l-attur huwa mixli bihom kienu ta' sura tali li jikkostitwixxu mġiba li tista' tiġbed fuqha sanzjonijiet penali. F'dan ir-

[31] HWR Wade & CF Forsyth ***Administrative Law*** (9th Edit), paġ. 611
[32] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġġ. 136 – 7 tal-proċess
[33] Xhieda tal-Kummissarju John Rizzo f'paġġ. 79 – 80 tal-proċess

rigward, il-Qorti ma taqbilx għal kollox mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin. Tagħraf, iżda, li r-Regolamenti jagħrfu bejn proċeduri dixxiplinari ta' uffiċjali pubbliċi li jwasslu għat-tkeċċija[34] u dawk li jwasslu għall-irtirar mis-servizz pubbliku[35];

Illi hawnhekk tqum il-kwestjoni tal-ksur tal-prinċipju tan-"*ne bis in idem*" li l-attur jisħaq fuqu biex jingħata raġun fl-ilment tiegħu. It-tħaddim tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti deċiżjoni li tiswa (għalkemm mhux bilfors tkun waħda li fiha l-parti mixlija tkun instabet ħatja) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess fatt warajha. Huwa stabbilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi prinċipju mhuwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn dwar l-istess fatti, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess wieħed dwar dawk il-fatti, u għalhekk, il-prinċipju jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak il-prinċipju jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess fatti;

Illi l-Qorti tqis għalhekk li jekk kemm-il darba s-Sentenza ħassret u invalidat il-proċediment kollu li sar quddiem il-KSP u wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-istess Kummissjoni fil-każ tal-attur, ma jistax jingħad li t-tnedija tal-proċediment quddiem il-KSP sejra ttenni l-proċess jew tissoġġetta lill-attur għall-preġudizzju li jrid iwieġeb għall-istess xiljiet fi proċess ripetut. It-tħassir bis-saħħa tas-Sentenza tal-proċediment li sar qabel iġib in-nuqqas kemm tal-"*bis*" u kif ukoll tal-"*idem*", għaliex ma jistax ikun hemm ripetizzjoni ta' xiħaġa li ma tiswiex jew ta' xiħaġa li qisha ma ġratx;

Illi dan kollu jingħad bla ebda ħsara għall-aspetti ta' termini u jeddijiet imħarsin mir-Regolamenti dwar kull proċediment li jista' jinbeda jew jitkompla fir-rigward tal-attur, lil hinn minn dak li din is-sentenza intalbet tipprovdi dwaru f'din il-kawża. Il-Qorti tifhem ukoll li, għalkemm il-proċediment jista' jkun li sejjer jitkompla quddiem il-KSP, din ma tkunx magħmula jew komposta mill-istess nies li kienu waslu biex jagħmlu r-rakkomandazzjoni oriġinali għat-tneħħija tal-attur mis-servizz mal-Korp;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt u mhix sejra tilqagħha;

34 Reg. 13 – 6 u 29 tal-A.L. 186/99
35 Reg. 34 – 36 tal-A.L. 186/99

Illi dan ifisser li t-**tieni talba attriċi** lanqas ma jmissha tintlaqa' għaliex hija konsegwenzjali għall-ewwel talba u ma jirriżultax li sejjer isir ksur tal-jedd li bniedem ma jitressaqx aktar minn darba biex iwieġeb għall-istess fatt. Forsi f'dan ir-rigward jista' jingħad li l-attur lanqas fil-proċediment li sar f'April tal-2001 ma kien tressaq, tant li dan kien wieħed min-nuqqasijiet ewlenin li wassal biex is-Sentenza qieset li tmexxa kollox ħażin. Jekk sar xi ġudizzju mill-KSP dwar l-attur f'dak il-proċediment, dan ukoll tħassar bis-Sentenza u b'hekk l-attur ma jistax jilmenta li hemm xi ġudikat jew deċiżjoni li torbot li żżomm lill-imħarrkin milli jiftħu l-proċediment li jissemma fl-ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010;

Illi għalhekk, lanqas it-tieni talba mhi sejra tintlaqa';

Illi dwar it-**tielet talba** l-Qorti tqis li, tinterpreta kif tinterpreta s-Sentenza, l-attur messu tqiegħed fil-pożizzjoni li kien qabel ma waslitlu l-ittra tat-3 ta' Mejju, 2001. Dak il-kliem ċar kien, effettivament, l-ordni li tat l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fil-mertu fis-27 ta' April, 2009;

Illi, fil-każ tal-attur, il-Kummissarju mħarrek ma kienx ħaddem id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti iżda straħ fuq dawk tal-Ordinanza. Ladarba s-Sentenza ikkonfermat li l-attur kellu jitqiegħed fil-kundizzjoni li kien minnufih qabel ma ntbagħatlu l-avviż tat-tkeċċija mill-Korp, u ladarba matul dak iż-żmien kollu l-attur ma ngħata l-ebda ħlas sakemm damu għaddejjin il-proċeduri fil-Qorti, il-konsegwenza hi li l-attur jistħoqqlu jirċievi l-ħlas tas-servizz li, kieku ma kienx għall-avviż tat-3 ta' Mejju, 2001, kien ikollu l-jedd u d-dmir li jagħti lill-Korp. Il-fatt li kemm il-Kummissarju mħarrek u kif ukoll is-segretarju Permanenti Ewlieni għandhom jew seta' kellhom fehmiet dwar l-imġiba (ħażina) tal-attur, ma jibdel xejn mis-saħħa u l-effett tas-Sentenza (u dik mogħtija mill-Qorti tal-ewwel grad). Sa dakinhar li l-attur irċieva l-avviż tat-3 ta' Mejju, 2001, kien għall-finijiet u effetti kollha membru attiv fil-Korp tal-Pulizija bir-rabtiet u l-jeddijiet kollha li dak is-servizz iġib miegħu;

Illi tajjeb jingħad ukoll li, meta l-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni bagħat l-avviż tiegħu tal-15 ta' Ottubru, 2010, aċċetta li l-attur kien għadu fil-Korp għaliex uża l-kliem "f'liema pożizzjoni int attwalment tinsab". Dan il-kliem juri bla ebda dubju li, sal-15 ta' Diċembru, 2010, l-attur kien għadu fil-Korp u li dak is-servizz tiegħu ma kienx intemm f'Mejju tal-2001;

Illi lanqas ma jirriżulta li sallum ittieħed xi provvediment għas-sospensjoni tal-attur b'paga sħiħa jew b'nofs paga, kif jipprospettaw ir-Regolamenti fil-każijiet xierqa;

Illi dwar din it-talba, l-imħarrkin jgħidu li l-Qorti ma tistax tordnalhom jerġgħu jdaħħlu fil-Korp lil uffiċjal li mġiebtu ma tispirax il-fiduċja li mistennija minn persuna f'dak il-grad. Ir-reintegrazzjoni li qiegħed jirreferi għaliha l-attur fit-tielet talba tiegħu kienet diġa' ġiet ordnata fis-Sentenza u ma kienx hemm għalfejn terġa' tintalab f'din il-kawża. Dik ir-reintegrazzjoni kienet tabilħaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, ħaġa loġika u konsegwenzjali tal-ordnijiet mogħtija mill-Qrati li l-attur kellu jitqiegħed fl-*istatus quo ante*, liema ordnijiet ma huma xejn anqas minn reintegrazzjoni;

Illi għalhekk, minħabba li diġa' hemm ġudikat dwar din il-kwestjoni, il-Qorti mhijiex sejra tqis aktar it-tielet talba attriċi;

Illi dwar it-**talbiet l-oħrajn tal-attur** jingħad li jekk, imqar bis-saħħa tas-Sentenza, l-attur reġa' tqiegħed fil-qagħda li kien sa dakinhar, mela l-konsegwenza ta' dan hi li huwa kien jistħoqqlu jingħata dak li, sa dak iż-żmien kien ġie mċaħħad minnu ladarba tqies li kien baqa' fis-servizz;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li ladarba l-azzjoni tal-attur hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, biex l-attur iseħħlu jippretendi l-ħlas tad-danni, irid juri li jeżistu l-elementi speċifiċi maħsuba fl-artikolu 469A(5) tal-istess Kodiċi;

Illi l-Qorti tirrileva li l-kumpens li l-attur qiegħed jippretendi taħt dan il-kap huma l-ħlasijiet li ma ngħatax b'seħħ mit-3 ta' Mejju, 2001. Dwar dan, l-attur ressaq ukoll provi[36], flimkien ma' prospett uffiċjali ta' x'kien ikun id-dħul tiegħu fil-Korp li kieku ma kienx intbagħtlu l-avviż fit-3 ta' Mejju, 2001[37];

Illi l-Qorti tqis li l-imsemmija ċifri ma kinux kontestati mill-imħarrkin, għaliex il-kontestazzjoni tagħhom kienet dwar id-danni b'mod ġenerali. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamlet aktar qabel, il-Qorti tqis li l-pretensjoni tal-attur li jitħallas dak li mill-anqas kien jirċievi kieku effettivament ma kienx irċieva l-avviż tat-tkeċċija f'Mejju tal-2001, hija waħda li hija mistħoqqa u toħroġ mis-Sentenza;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ħlas li l-attur kien ikun irċieva u li jmissu jirċievi fis-somma ta' mija u ħamsa u tmenin elf tliet

[36] Xhieda ta' Alex Mizzi f'paġ. 72 tal-proċess
[37] Dok "AM", f'paġ. 67 tal-proċess

mija u tnejn u disgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€ 185,392.39) li kienu lilu dovuti sal-aħħar tas-sena 2011;

Illi din il-likwidazzjoni qiegħda ssir bla ħsara ta' xi ħlasijiet oħrajn li l-attur jista' jkun jistħoqqlu għaż-żmien ta' wara;

Illi għalhekk, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru u ssib li hu mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża, bi spejjeż għall-attur;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** minħabba li hija konsegwenzjali għall-ewwel talba';

**Tastjeni milli tqis aktar it-tielet talba attriċi;**

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u ssib li l-attur imissu jitħallas kumpens minħabba t-tkeċċija tiegħu mis-servizz minn mal-Korp u t-tħassir ta' dik it-tkeċċija bis-saħħa tas-Sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' April, 2009 fil-kawża fl-ismijiet "*Michael Buttiġieġ vs Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami u l-Kummissarju tal-Pulizija*" u kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-6 ta' Settembru, 2010;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tillikwida l-ħlas dovut lill-attur fis-somma ta' mija u ħamsa u tmenin elf tliet mija u tnejn u disgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€ 185,392.39);

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tordna lill-imħarrkin Segretarju Permanenti Ewlieni u l-Kummissarju tal-Pulizija jħallsu lill-attur, flimkien u solidalment bejniethom, is-somma msemmija ta' mija u ħamsa u tmenin elf tliet mija u tnejn u disgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€ 185,392.39), bl-imgħaxijiet legali fuq l-istess somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kap 12, l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li dawk marbutin mal-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru jridu jitħallsu mill-attur, filwaqt li dawk marbutin mas-

sentenza preliminari tad-29 ta' Settembru, 2011, jitħallsu kif imsemmi f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Ottubru, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**20 ta' Ottubru, 2016**